**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* FlibTravel International SA, Leonard Travel International SA

*Konvenuti:* AAL Renting SA, Haroune Tax SPRL, Saratax SCS, Ryad SCRI, Taxis Bachir & Cie SCS, Abdelhamid El Barjraji, Abdelouahab Ben Bachir, Sotax SCRI, Mostapha El Hammouchi, Boughaz SPRL, Sahbaz SPRL, Jamal El Jelali, Mohamed Chakir Ben Kadour, Taxis Chalkis SCRL, Mohammed Gheris, Les délices de Fes SPRL, Abderrahmane Belyazid, E.A.R. SCS, Sotrans SPRL, B.M.A. SCS, Taxis Amri et Cie SCS, Aramak SCS, Rachid El Amrani, Mourad Bakkour, Mohamed Agharbiou, Omar Amri, Jmili Zouhair, Mustapha Ben Abderrahman, Mohamed Zahyani, Miltotax SPRL, Lextra SA, Ismael El Amrani, Farid Benazzouz, Imad Zoufri, Abdel-Ilah Bokhamy, Ismail Al Bouhali, Bahri Messaoud & Cie SCS, Mostafa Bouzid, BKN Star SPRL, M.V.S. SPRL, A.B.M.B. SCS, Imatrans SPRL, Reda Bouyaknouden, Ayoub Tahri, Moulay Adil El Khatir, Redouan El Abboudi, Mohamed El Abboudi, Bilal El Abboudi, Sofian El Abboudi, Karim Bensbih, Hadel Bensbih, Mimoun Mallouk, Abdellah El Ghaffouli, Said El Aazzoui

**Dispożittiv**

*L-Artikolu 96(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa ma japplikax għal restrizzjonijiet imposti fuq l-operaturi tat-taxis, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali.*

---

([1]) ĠU C 260, 18.7.2016.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Supremo Tribunal Administrativo (il-Portugall) fit-28 ta' Novembru 2016 – Giovanna Judith Kerr vs Fazenda Pública**

**(Kawża C-615/16)**

(2017/C 151/19)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Qorti tar-rinviju**

Supremo Tribunal Administrativo

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Giovanna Judith Kerr

*Konvenuta:* Fazenda Pública

**Domanda preliminari**

[…] L-Artikoli 135(1)(f) u 15(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ([1]) […] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jinkludu biss il-partijiet f'kuntratti ta' bejgħ ta' drittijiet ta' użu fuq proprjetajiet immobbli li ġew konklużi, jew jistgħu jiġu interpretati wkoll fis-sens li jinkludu, bl-istess mod, l-attività implementata mir-rikorrenti li tikkonsisti fil-ġbir ta' klijenti u fil-promozzjoni tas-servizzi, sabiex jiġi ggarantit it-twettiq tal-bejgħ rispettiv min-naħa tal-impriża li tbigħ id-drittijiet, skont id-direttivi prestabbiliti u l-limiti stabbiliti fuq skontijiet u offerti promozzjonali?

---

([1]) Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1).

---

**Appell ippreżentat fid-19 ta' Jannar 2017 minn Birkenstock Sales GmbH mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fid-9 ta' Novembru 2016 fil-Kawża T-579/14 – Birkenstock Sales Gmb vs L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)**

**(Kawża C-26/17 P)**

(2017/C 151/20)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Birkenstock Sales GmbH (rappreżentanti: C. Menebröcker u V. Töbelmann, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Talbiet**

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Novembru 2016 (Kawża T-579/14) sa fejn din ċaħdet ir-rikors tal-appellanti;

— tilqa' t-talbiet tal-appellanti mressqa fl-ewwel istanza quddiem il-Qorti Ġenerali li jirrigwardaw il-prodotti li għalihom ir-rikors ġie miċħud;

— tikkundanna lill-Uffiċċju għall-ispejjeż tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali u l-Bord tal-Appell.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

1. L-appellanti titlob, minn naħa, li s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Novembru 2016 mogħtija fil-Kawża T-579/14 dwar it-trade mark internazzjonali Nru 1132742 tiġi annullata sa fejn din ċaħdet ir-rikors tal-appellanti u, min-naħa l-oħra, li jintlaqgħu t-talbiet magħmula fl-ewwel istanza quddiem il-Qorti Ġenerali li jirrigwardaw l-prodotti li għalihom ir-rikors ġie miċħud.

2. Qabelxejn, l-appellanti tinvoka ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament dwar it-trade mark tal-Unjoni Ewropea (RTUE ([1])) sa fejn il-Qorti Ġenerali għamlet applikazzjoni ineżatta għat-trade mark internazzjonali kontenzjuża tal-prinċipji relatati mat-trade marks tridimensjonali. Barra minn hekk, l-appellanti ssostni li, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha tat-trade mark internazzjonali skont il-prinċipji relatati mat-trade marks tridimensjonali, il-Qorti Ġenerali ma ddeterminatx in-"normi u d-drawwiet tas-settur" għall-prodotti kontenzjużi. Finalment, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali li applikat, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha tal-impressjoni ġenerali prodotta mit-trade mark internazzjonali, kriterji iktar stretti minn dawk previsti fl-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament dwar it-trade mark tal-Unjoni Ewropea.

3. Barra minn hekk, l-appellanti tinvoka kontradizzjoni fir-raġunijiet tas-sentenza tal-ewwel istanza sa fejn il-Qorti Ġenerali, filwaqt li kkonstatat li l-karattru distintiv ta' sinjal għandu jiġi evalwat fuq il-bażi tas-sinjal innifsu, hija madankollu ħadet inkunsiderazzjoni, fl-evalwazzjoni tagħha, kwistjonijiet ta' użu, u għamlet ukoll riferiment għal waħda mis-sentenzi preċedenti tagħha dwar il-kwistjoni ta' jekk huwiex possibbli li, għal sinjal, jittieħed inkunsiderazzjoni użu f'żewġ dimensjonijiet u kif ukoll fi tliet dimensjonijiet.

4. Minbarra dan, l-appellanti tinvoka żnaturament tal-fatti sa fejn il-Qorti Ġenerali, fis-sentenza appellata, tqis li, sa fejn huwa bbaża ruħu fuq fatti li jirriżultaw mill-esperjenza prattika ġeneralment miksuba mill-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti inkwistjoni u li jistgħu jkunu magħrufa minn kulħadd, il-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju ma kienx marbut li jsostni l-opinjoni tiegħu li t-trade mark internazzjonali ma kinitx tiddevja b'mod sinjifikattiv mill-użi abitwali tas-settur.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja, ĠU L 78, p. 1.

**Appell ippreżentat fit-23 ta' Jannar 2017 minn Apcoa Parking Holdings GmbH mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) fit-8 ta' Novembru 2016 fil-Kawżi magħquda T-268/15 u T-272/15 – Apcoa Parking Holdings GmbH vs L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)**

**(Kawża C-32/17 P)**

(2017/C 151/21)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Apcoa Parking Holdings GmbH (rappreżentant: A. Lohmann, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)